# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 4.7

**Kap 4: Il-paċi sabiħa**

**Lezzjoni 4.7: Darba oħra naħsibha sew**

**L-Għanijiet:**



**It-tfal:**

1. Jagħrfu li meta taħfer u ma tibqax iżżomm ġo fik tħossok ħafna aħjar.
2. Jagħrfu l-valur tal-maħfra u tal-paċi.
3. Jesperjenzaw ċelebrazzjonijiet ta' maħfra u paċi fil-klassi.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- bużżieqa
- ballun
- Karta ta' Taħriġ 4.5
- vidjow tad-diska Forgiveness :

https://www.youtube.com/watch?v=YwK2tmpNpcc

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi tistaqsi lit-tfal xi tfisser li taħfer li xi ħadd. Staqsi wkoll x'jiġri jekk ma taħfirx, kif tħossok minn ġewwa u xi tħoss, imbagħad, meta taħfer.

- Agħmel enfasi fuq il-fatt li taħfer ma jfissirx li dik l-azzjoni li saret se tinsieha jew f'daqqa waħda se ssir tajba. Imma jfisser li int lil dik il-persuna se tagħtiha ċans ieħor.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

- Għid lit-tfal li f'din il-lezzjoni se jagħrfu għaliex huwa importanti li naħfru.

- Staqsi lit-tfal xi jħossu meta xi ħadd iweġġagħhom b'xi mod. Ħeġġeġ lit-tfal biex jiddiskutu u jesprimu ruħhom: rabja, dwejjaq, tpattija eċċ. Staqsihom x'jiġri li kieku dawn l-emozzjonijiet negattivi iżommuhom kollha ġo fihom.

- Agħmel xebh mal-bużżieqa u ibda onfoħ ġo fiha u għidilhom li l-emozzjonjiet negattivi qishom l-arja li qed timtela biha din il-bużżieqa.

- Staqsi: Jekk aħna nibqgħu nżommu fina u nibqgħu nonfħu ġo din il-bużżieqa, x'se jiġri? U jekk aħna ninsew dawn l-emozzjonijiet negattivi u nerħu ftit ftit din il-bużżieqa, x'se jiġri?



- Issa spjega l-logħba tal-ballun: Għid lit-tfal li dan il-ballun jirrappreżenta r-rabja li nħossu meta xi ħadd jagħmlilna xi ħaġa. It-tfal iridu jqasmu l-ballun minn id għal oħra waqt li tkun għaddejja l-mużika. X'ħin tieqaf il-mużika għand min ikun il-ballun irid iżommu f'idu sakemm il-kumplament tat-tfal jitolbuh skuża. Imbagħad dak li jkun jitlaq il-ballun minn idejh jiġifieri ma jkunx għadu rrabjat, jaċċetta l-apoloġija u jaħfer lil min ikun iweġġgħu.

- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 4.5 u spjega s-silta mogħtija

- Iddiskuti Attività 1 mat-tfal u ħallihom jesprimu ruħhom għal kull sitwazzjoni mogħtija.

- Iddiskuti l-aħħar attività u spjega li biex fil-verità nkunu Nsara u bnedmin tajbin irridu naħsbu fuq l-azzjonijiet tagħna biex kemm jista' jkun inkunu dejjem ta' għajnuna u mhux ta' tfixkil.

- Biex torbot mal-lezzjoni li jmiss, għid: Meta taħfer jew titlob maħfra terġa' tingħaqad ma' Alla. Staqsi lit-tfal lejn liema sagrament għandhom jersqu. L-Ewkaristija u spjega li fil-lezzjoni li jmiss se jidħlu aktar fid-dettal dwar dan is-sagrament.

- Ikklonkludi l-lezzjoni bil-vidjow tal-kanzunetta Forgiveness u ħeġġeġ lit-tfal biex ikantaw.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Jien irrid ngħix f'ambjent ta' ferħ, paċi u għajnuna.
2. Jien ma rridx inżomm ġo fija ħafna emozzjonjiet negattivi iżda rrid inkun lest li naħfer lil min iweġġagħni.
3. Naċċetta 'sorry' meta xi ħadd jagħmilli xi ħaġa ħażina.




## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal juru li huma ferħanin u li b'mod pożittiv, jagħżlu li jaħfru minflok li joqogħdu jżommu fihom infushom.




## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Ikklonkludi l-lezzjoni bil-vidjow tal-kanzunetta Forgiveness u ħeġġeġ lit-tfal biex ikantaw.



## Nitolbu

O Mulej, agħtini l-kuraġġ biex inkun kapaċi naħfer lil min ikun iweġġgħani.

